

2) Equipolymers Srl, M&G Polimeri Italia SpA u Novapet SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 283, 28.08.2017

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Ġunju 2018 – Ori Martin SA vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-463/17 P) (¹)

(Appell — Rikors għad-danni — Insuffiċjenza ta' motivazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja wara appell — Żnaturament tas-suġġett ta' kap ta' talbiet għad-danni)

(2018/C 268/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Ori Martin SA (rappreżentant: G. Belotti, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Inghelram u Á. M. Almendros Manzano, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ori Martin SA għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess u dawk sostnuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 392, 20.11.2017.

Appell ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2017 minn Kevin Karp mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-23 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża T-833/16, Karp vs Il-Parlament

(Kawża C-714/17 P)

(2018/C 268/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Kevin Karp (rappreżentanti: N. Lambers, avocat, R. Ben Ammar, avocate)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tad-19 ta' Ġunju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bezirksgericht Villach (l-Awstrija) fis-27 ta' Novembru 2018 –Norbert Reitbauer et vs Enrico Casamassima

(Kawża C-722/17)

(2018/C 268/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bezirksgericht Villach

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Norbert Reitbauer, Dolinschek GmbH, B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH, Elektrounternehmen K. Maschke GmbH, Klaus Egger, Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH

Konvenut: Enrico Casamassima

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I bis) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-Kodiċi Awstrijak dwar il-proċeduri ta' eżekuzzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*

a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà *in rem* relatat ma' self permezz ta' sigurtà *in rem* stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u

b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio Pauliana* – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà *in rem* għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?

2) Domanda 2 (jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv):

L-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I bis) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-Kodiċi Awstrijak dwar il-proċeduri ta' eżekuzzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta, fil-każ li l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*

a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà *in rem* relatat ma' self permezz ta' sigurtà *in rem* stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u

b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio Pauliana* – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà *in rem* għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?

(¹) ĠU 2012, L 351, p. 1.